GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR261103	30.06.2026	2

STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

"L-Uffiċċju tal-Ombudsman jibqa' pilastru ta' fiduċja bejn iċ-ċittadin u l-Istat" – l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati

L-Ombudsman, l-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon, għamel l-ewwel żjara ta' korteżija lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Carmelo Abela.

Matul il-laqgħa, l-Ispeaker esprima l-apprezzament tiegħu għall-ħidma mwettqa mill-Uffiċċju tal-Ombudsman favur amministrazzjoni pubblika aktar ġusta, responsabbli u miftuħa għall-ilment taċ-ċittadin.

L-Ispeaker saħaq li, bħala uffiċċju parlamentari, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jibqa' pilastru ta' fiduċja bejn iċ-ċittadin u l-Istat, għaliex jagħti widen lil min iħoss li ma ngħatax smigħ ġust, u jfakkar lill-amministrazzjoni pubblika li kull deċiżjoni għandha impatt dirett fuq il-ħajja tan-nies, filwaqt li sostna lli l-Parlament għandu jibqa' jagħti l-għarfien u r-rispett xieraq lil istituzzjonijiet bħal dawn, li jsaħħu l-kontabbiltà pubblika u l-fiduċja demokratika b'serjetà, imparzjalità u sens ta' servizz.

L-Ispeaker awgura lill-Ombudsman aktar ħidma siewja fil-qadi ta' dmirijietu, filwaqt li tenna l-impenn tiegħu li jkompli jħares ir-rabta istituzzjonali bejn il-Parlament u l-Uffiċċju tal-Ombudsman b'rispett u responsabbiltà.